# Djarju
## 2006-2007



**Mil-25 t'Awwissu sat-8 ta' Settembru 2006**
Programm t'attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

**15 ta' Settembru 2006**
Sar il-funeral tas-Sur Anthony Camilleri, membru tal-Każin. Indaqqet fanfarra quddiem il-Każin u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

**27 ta' Settembru 2006**
Fuq stedina tal-Familja Fenech il-Banda Imperial u l-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar għamlu marċ flimkien, mill-Każin San Pawl sa tarf Triq Parades fl-okkażjoni tal-kxif tal-monument tas-Sur Mosè Fenech, intraprenditur fit-turiżmu.

**4 ta' Ottubru 2006**
Sar *Coffee Morning* fil-Każin.

**12 ta' Novembru 2006**
Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial u wara sar korteo għaċ-Ċimiterju fejn indaqqet fanfarra, sar it-tberik ta' l-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-oqbra.



**17 ta' Novembru 2006**
Saret ikla annwali għall-bandisti u għall-membri tal-Kor flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom fil-Każin.

**24 ta' Novembru 2006**
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa li saret għand is-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fil-Belt Valletta. Din il-quddiesa tqaddset mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex flimkien ma' għadd ta' saċerdoti oħra.

**25 ta' Novembru 2006**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u wara għall-marċ matul Triq ir-Repubblika, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja organizzata ta' kull sena mill-Għaqda Każini tal-Baned, fil-Belt Valletta.

**26 ta' Novembru 2006**
Il-President, is-Segretarju u s-Surmast Direttur ġew intervistati fuq *Super One Television* waqt xandira diretta mill-Mellieħa.

**2 ta' Diċembru 2006**
Il-President u delegazzjoni mill-Kumitat attendew għall-programm mużikali mill-Banda La Vittoria fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

**3 ta' Diċembru 2006**
Il-Banda Imperial daqqet marċi brijużi fid-Dar il-Providenza fis-Siġġiewi fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Nikola ċċelebrata f'dan il-post.

**8 ta' Diċembru 2006**
Il-Banda Imperial għamlet marċ u wara ħadet sehem fil-purċissjoni fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla.

**15 ta' Diċembru 2006**
Il-Banda Imperial daqqet programm ta' *Christmas Carols* ġewwa l-*Mellieha Holiday Centre*, il-Mellieħa.

**16 ta' Diċembru 2006**
Kunċert annwali tal-Milied fil-Każin. Okkażjoni ferm sabiħa, b'sala tal-Każin ippakkjata bin-nies.

**19 ta' Diċembru 2006**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' *Christmas Carols* ġewwa *New Paradise Bay Hotel,* iċ-Ċirkewwa. Flimkien mal-Kor ħadu sehem ukoll is-Sur Andre Helleur u s-Sur Clayton Vella.

**20 ta' Diċembru 2006**
Il-Banda Imperial daqqet programm ta' *Christmas Carols* ġewwa l-*Barcelo Riviera Spa,* il-Marfa.

**21 ta' Diċembru 2006**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' *Christmas Carols* ġewwa l-*Maritim Antonine Hotel and Spa*, il-Mellieħa.

**21 ta' Diċembru 2006**
Il-President u s-Segretarju attendew għall-festin tal-Milied fis-*Solana Hotel*, il-Mellieħa.

**23 ta' Diċembru 2006**
Delegazzjoni mill-Każin attendiet għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**24 ta' Diċembru 2006**
Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' *Christmas Carols* quddiem il-Każin.

**27 ta' Diċembru 2006**
Fil-Każin sar il-party annwali tal-Milied għat-tfal Melleħin.

**28 ta' Diċembru 2006**
Membri mill-Banda Imperial daqqew waqt attività tal-Milied fl-Iskola Primarja ta' l-Imġarr.

**31 ta' Diċembru 2006**
Fil-Każin sar id-*Dinner Dance* ta' kull sena fl-okkażjoni ta' l-Aħħar tas-Sena.

**10 ta' Jannar 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat u l-Kummisjoni Nisa marru jżuru l-anzjani Melleħin fil-Kumpless ta' l-Anzjani San Vinċent De Paule. Il-Kumitat Nisa qassam hampers lir-residenti Melleħin f'dan il-kumpless.

**11 ta' Jannar 2007**
Sar il-funeral ta' Pawla Sammut. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

**17 ta' Jannar 2007**
Fil-Każin saret l-ewwel logħba tas-Snooker Competition.

**4 ta' Frar 2007**
Il-Banda Imperial flimkien mal-Kor Regina Coeli esegwew programm vokali u strumentali fis-Sala ta' l-Iskola ta' l-Imġarr, għal "Jum l-Imġarr" organizzat mill-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, Malta.

**9 ta' Frar 2007**
L-Għaqda Mużikali Imperial ġiet onorata b'Ġieħ il-Mellieħa mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fis-Sala ta' l-Iskola Primarja fil-Mellieħa f'Jum il-Kunsill.

**13 ta' Frar 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral ta' missier il-Kappillan tal-Mellieħa, Dun Karm Mercieca, li sar fil-Parroċċa ta' San Bastjan , Ħal Qormi.

**14 ta' Frar 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral ta' missier l-eks-Kappillan tal-Mellieħa, Dun Karm Tanti, li sar fil-Parroċċa ta' Ħal Lija.

**9 ta' Marzu 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' Esebizzjoni ta' Pittura li saret fil-Każin "La Vittoria".

**18 ta' Marzu 2007**
Saret żjara fil-Każin mill-Prim Ministru ta' Malta, l-Onor. Dr. L. Gonzi.

**21 ta' Marzu 2007**
Delegazzjoni mill-Każin attendiet għal riċeviment fil-Każin Nazzjonalista.

**27 ta' Marzu 2007**
Il-Kor Imperial ħa sehem fil-ftuħ tal-Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ħa sehem ukoll il-*Windmill Brass*. Delegazzjoni mill-kumitat ukoll attendiet ghal din l-okkażjoni.

**28 ta' Marzu 2007**
Delegazzjoni mill-kumitat attendiet għall-ftuħ ta' Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli fil-Każin tal-Banda La Vittoria.

**1 ta' April 2007**
Programm annwali Mużiko-Letterarju mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm.

**2 ta' April 2007**
Sar il-funeral ta' Charlie Cutajar. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

**17 ta' April 2007**
Fil-Każin Imperial sar festin f'ġieħ is-Surmast John Mamo f'għeluq id-90 sena tiegħu. Is-Surmast John Mamo għamel 17-il sena fit-tmexxija tal-Banda Imperial.

**20 ta' April 2007**
Fil-Każin saret żjara edukattiva mill-istudenti tar-raba' sena ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

**21 ta' April 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' Pittura mill-Pittur Ġorġ Fenech fil-Każin tal-Banda La Vittoria. Wara sar it-tberik ta' l-Għaqdiet kollha tal-Mellieħa fl-istess Każin.

**28 ta' April 2007**
Saret is-Seduta Ġenerali għall-Kumitat tat-tmexxija tal-Każin.

**29 ta' April 2007**
Il-Kor Imperial ħa sehem f'quddiesa fil-Kunvent tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fil-Belt, iċċelebrata mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta, fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju minn meta Suor Maria Assunta daħlet soru tal-klawsura.

**12 ta' Mejju 2007**
Il-Banda ħadet sehem fil-funeral tal-membru tal-Kumitat, is-Sur John Vella. Il-Kumitat direttiv u l-Kumitat Nisa ħadu sehem waqt il-korteo u waqt il-quddiesa.

**13 ta' Mejju 2007**
Membri mill-Banda daqqew fanfarra fl-Imġarr waqt attività tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr li tfakkar il-vittmi tal-gwerra Mġarrin.

**25 ta' Mejju 2007**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendew għall-ftuħ ta' esibizzjoni mtellgħa mill-Art Club 2000 li saret fis-*Solana Hotel*, il-Mellieħa.

**27 ta' Mejju 2007**
Il-President u l-Kumitat attendew għall-Oratorju mtella' mill-Banda "La Vittoria" fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.

**7 ta' Ġunju 2007**
Fil-Każin saret kompetizzjoni tal-Pula bejn membri tal-Każin organizzata mill-Każin Imperial.

**09 ta' Ġunju 2007**
Il-Banda Imperial għamlet marċ minn quddiem il-Każin sal-post fejn tqiegħdet l-ewwel ġebla tad-Dar ta' l-Anzjani li ser tinbena fil-Mellieħa.

**10 ta' Ġunju 2007**
Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat Direttiv u tan-Nisa akkumpanjaw waqt din il-purċissjoni.

**15 ta' Ġunju 2007**
Daqq ta' fanfarra fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat Direttiv u tan-Nisa akkumpanjaw waqt din il-purċissjoni.




**22 ta' Ġunju 2007**
Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-Festa tal-Ħġejjeġ ta' San Ġwann organizzata mill-Kunsill Lokali Mellieħa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

**8 ta' Lulju 2007**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

**11 ta' Lulju 2007**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

**15 ta' Lulju 2007**
Fl-okkażjoni ta' l-Isports Day fil-Mellieħa, organizzata mill-Każin ta' l-Isports u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, it-team tal-Każin Imperial rebaħ il-kompetizzjoni *"Tug of War"* bejn l-Għaqdiet kollha tal-Mellieħa.

**20 ta' Lulju 2007**
Fil-bitħa tas-Santwarju sar programm vokali mill-Kor Imperial flimkien ma' mużiċisti mill-Banda Imperial bill-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**22 ta' Lulju 2007**
Sar il-funeral ta' Karmnu Grech. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw fil-funeral.

**4 ta' Awissu 2007**
Programm mill-Banda Imperial waqt attività kulturali fl-Imġarr, Malta.

**14 ta' Awissu 2007**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta.

**19 ta' Awissu 2007**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija fl-Imġarr, Malta.

**26 ta' Awissu 2007**
Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-Festa ta' San Ġużepp ġewwa l-Manikata.